**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 15 ta’ Mejju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**ELLIE BRIFFA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ellie Briffa detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 356793M u akkuzata talli;

1. Nhar is-16 ta’ Marzu, 2020, ghall-habta ta’ bejn l-22:30 u 22:45hrs minn gewwa l-istabbliment bl-isem ta’ Best Play li jinsab fi Triq D’Argens Gzira ittantat li tisaraq mill-istess hanut liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u

disa’ w ghoxrin Euro u sebgha’ w tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmi hanut u/jew persuna/i ohra: *Artikoli 41(1)(a), 42, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Elton Catania kontra l-volonta’ tieghu u dan bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu; *Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta*

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kisret il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D, datata 11 ta’ Frar 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrendiet ruhha ricediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati, ihallasu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

**Ikkundisrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qeda tikkonsidra, fost ohrajn, is-segwenti fatturi :

1. Il-fatt ta' l-ammissjoni li tista titqies bhala ahda bikrija;

2. Il-fedina penali xejn felici ta' l-imputata;
3. Il-fatt li l-imputata ghandha bzonn definittivament l-ghajnuna fil-glieda kontra l-abbuz tad-droga; u
4. l-fatt li l-imputata ghandha zewg ulied minuri, wild ta' sentejn u nofs u wild ta' xahrejn, liema minuri prezentament jinsabu fil-kura ta' foster parents.

**KONKLUZJONI;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 28A, 28B, 31, 41(1)(A), 42, 49, 50, 86, 87(1)(C)(E), 261(A)(B)(C)(F), 262 (1)(A)(B), 263(B), 267, 270, 275, 277(B), 279(A)(B), 280(2) U 289 TAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, KIF WKOLL L-ARTIKOLI 6 U 51(7) TAL-KAPITOLU 480 TAL-LIGIJIET TA' MALTA,** issib lill-imputata bhala recidiva fuq ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u dwar l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba (4) imputazzjonijet tikkundannaha komplessivament ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija, u multa ta' €116.47.

Dwar it-tielet (3) akkuza l-Qorti, in vista tac-cirkostanzi kollha li sawwru dan il-kaz, hi tal-fehma li s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erbgha snin moghtija fil-11 ta' Frar 2019 (Magistrat Calire Starface Zammit) ma ghandiex tidhol fis-sehh izda minflok, bis-sahha tad-disposizzjonijet tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tordna li l-perjodu operattiv ta' erbgha snin determinat fis-sentenza imsemmija ghandu jerga jibda jiddekorri millum.

Il-Qorti fehmet lil hatja, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabilitajiet taghha skond din is-sanzjoni.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur